MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru. 444/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Kevin Bartolo ta’ 34 sena mwieled fit-12 ta’ Dicembru, 1975 gewwa Pieta`, iben Saviour u Helen nee` Borg residenti gewwa Nru. 155, Triq Correa, Hal-Qormi u detentru tal-karta tal-identita` nru 79076M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Kevin Bartolo u cioe` talli nhar il-5 ta’ Mejju, 2010, ghall-habta ta’ bejn 12.00am u 01.30pm gewwa l-istabbiliment ‘Tad-Doughnuts’, fi Triq Correa, Hal-Qormi bi kliem insolenta u ngurja lil Roderick Abela;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna lil Roderick Abela jibza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta hsara volontarja gewwa l-imsemmi stabbiliment, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), izda teccedi l-mija u sittax il-euro u sebgha u serbghin centezmu (116.47);

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kien fis-sakra b'mo li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leggitimi tal-pulizija;

Akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'sentenza mghotiha mill-Qorti tal-Magitrati (Malta) fit-2 ta' Frar, 2008.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-17 ta' Mejju, 2010, biex din il-kawza tinstema bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara illi t-tieni akkuza hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija u anke hallas id-danni kollha ikkawzati minnu. Il-Qorti sejra wkoll tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ikkommetta dan ir-reat ghaliex haseb li b'hekk huwa kien ser isib rimedju ghall-inkonvenjent kbir li qed johloq lilu u lill-familja tieghu dan il-hanut tad-doughnuts li jinsab taht ir-residensa tieghu.  Fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur ikkonfermat illi mill-indagni li saru mill-pulizija rrizulta li dan il-hanut qed jopera minghar il-permessi relattivi u llum inghalaq mill-awtoritajiet konecernati.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 251B, 339(1)(e). 338(ee)(ff), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kojndizjoi li jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.  .

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu liberta taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------